# Il-Karmelitani f'Santa Venera; 100 sena minn meta ħadu l-pussess tal-Knisja ta' Santa Venera

Chev. Mario Coleiro OSJ

Il-Knisja Matriċi ta' Santa Venera hija knisja li l-oriġini tagħha jmur lura għal mijiet ta' snin. Il-knisja li naraw illum hija t-tielet waħda fuq l-istess lok u din kienet lesta mill-bini fis-sena 1688, proprju 325 sena ilu. Tul iż-żminijiet din il-knisja għaddiet minn diversi tmexxijiet. Hekk naraw li f'nofs is-seklu tmintax, l-eremiti ta' San Kalogero mmexxija min-Naplitan Patri Ġakkin Vivas ħadu l-pussess tagħha u bidluha f'eremitaġġ. Meta l-eremiti spiċċaw, il-knisja u l-kunvent ta' Santa Venera reġgħu bdew jiġu amministrati mill-kapitlu Elenjan ta' Birkirkara. Maż-żmien kien hemm bosta tentattivi biex jingħataw lil xi ordni reliġjuż għat-tmexxija tagħhom, waqt li fl-istess ħin ikunu ta' servizz għall-qadi spiritwali tar-residenti tal-madwar.



Il-purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu fid-daħla ta' Misraħ Santa Venera fis-snin ħamsin

Jidher li fost l-ordnijiet reliġjużi li kellhom fil-ħsieb tagħhom il-knisja u l-kunvent ta' Santa Venera, kien hemm il-Patrijiet Franġiskani Minuri Osservanti li għalkemm kienu waslu fi ftehim, għal xi raġuni jew oħra dan ma seħħx. Għalkemm l-Ordni Ġiżwita kien irnexxielhom jieħdu f'idejhom dawn il-binjiet mis-sena 1869 sal-1904, però fl-aħħar snin il-Ġiżwiti kienu qed jużaw dan il-post għall-villeġġjatura biss u għalhekk l-abitanti tal-madwar ma kinux moqdija sew. Meta l-Ġiżwiti telqu għalkollox minn Santa Venera, is-sitwazzjoni tgħarrqet iktar.



Quddiesa fil-Kappella temporanja li kienet infetħet ġewwa ċ-Ċentru Parrokkjali. Ritratt meħud fis-snin ħamsin

Kien għalhekk li l-Isqof Pietru Pace ħatar lil Dun Xand Cortis minn Ħad Dingli bħala rettur ta' din il-knisja biex jieħu ħsieb il-qadi spiritwali tal-poplu. Dun Xand malajr tħabbeb mal-Vendriżi u sar parti mill-familji li kienu jgħixu madwar il-knisja. Huwa kien iżewweġ, jgħammed, u jassisti fil-mewt lil dawn in-nies li kienu daqshekk imbiegħeda mill-parroċċa ta'



Il-Komunità Karmelitana ta' Santa Venera li fetħet il-Knisja l-ġdida ġewwa Fleur-De-Lys għall-poplu tal-akwata fis-sena 1948

Sant'Elena. Iżda iktar ma beda għaddej iż-żmien, u iktar ma beda jiżdied il-bini, il-popolazzjoni bdiet dejjem tikber. Fis-sena 1906 ġew imħajra l-patrijiet Agostinjani biex jieħdu f'idejhom din il-knisja. Kollox kien lest iżda fl-aħħar ftit l-Agostinjani rrifjutaw li jieħdu pussess tal-knisja jekk kemm-il darba din ma kenitx ser issir parroċċa; ħaġa li l-kapitlu Elenjan kien qiegħed joġġezzjona fuqha. Għalhekk, għal darb'oħra, Dun Xand Cortis reġa' tħalla waħdu jaħdem f'din il-knisja. Din ir-responsabbiltà kollha bdiet tħalli l-effett tagħha fuq saħħet Dun Xand li issa kien beda jikber fiż-żmien. Hu beda jinkwieta fuq dak li kien ser jiġri jekk kemm-il darba jiġi nieqes hu. Għalhekk reġgħu saru tentattivi u taħdidiet biex din il-knisja u l-kunvent jingħataw lid-Dumnikani jew lit-Tereżjani. Reġgħu kienu avviċinati wkoll il-patrijiet Franġiskani Minuri imma donnu ħadd ma ried jieħu f'idejh din il-knisja jekk kemm-il darba din ma tinħallx mill-Matriċi ta' Birkirkara u titwaqqaf f'parroċċa bil-limiti indipendenti tagħha. Fl-aħħar Dun Xand irnexxielu jikkonvinċi lill-Provinċjal tal-Ordni Karmelitan biex jagħmel talba għall-kunvent u l-knisja. Ftit taż-żmien wara bdew it-trattattivi bejn l-Ordni Karmelitan, il-Kapitlu Elenjan, u rappreżentant tal-Isqof. F'dawn it-trattattivi Dun Xand kien dejjem preżenti u ħadem kemm felaħ biex jintlaħaq ftehim. L-iktar punt li kien qiegħed joħloq nuqqas ta' ftehim kien il-fatt li l-Karmelitani, bħall-Ordnijiet l-oħra ta' qabilhom, riedu li Santa Venera titwaqqaf f'parroċċa hekk kif jieħdu l-pussess tagħha. Din it-talb bdiet issib oppożizzjoni qawwija kemm mill-kapitlu Elenjan, u kif ukoll mill-Isqof innifsu. Imma wara ħafna taqtigħ il-qalb, ġie deċiż li kif il-Karmelitani jieħdu pussess tal-knisja, din kellha titwaqqaf bħala parroċċa indipendenti.

Hekk kif intlaħaq dan il-ftehim, il-Provinċjal Patri Spiridjun Vassallo laqqa' l-kunsill u fih kien hemm qbil li l-Ordni Karmelitan kellu jieħu pussess tal-knisja u tal-kunvent ta' Santa Venera. Għaldaqstant, fl-10 ta' Lulju 1910, saret talba formali lill-Arċisqof.



Il-Komunità Karmelitana ta' Santa Venera ġewwa ċ-Ċentru Parrokkjali bejn is-snin ħamsin u sittin

Ir-risposta tal-Arċisqof Pietru Pace ta' nhar it-30 ta' Lulju 1912, kienet tgħid li hu kien qiegħed jilqa' bil-ferħ it-talba tal-Karmelitani, imma kien qiegħed iżomm id-dritt tad-deċiżjoni fuq it-twaqqif tal-parroċċa għal meta jaħseb li jkun żmien tajjeb u raġonevoli. Milli jidher, kien hemm xi nies li ma kienx jaqblilhom li Santa Venera ssir parroċċa, u għalhekk kien irnexxilhom jikkonvinċu lill-Arċisqof jerġa' lura mill-kelma li kien ta lill-Karmelitani. Dan il-fatt kien kważi reġa' ħarbat il-ftehim kollu, imma Dun Xand u

l-Provinċjal Patri Spiridjun ħadmu kemm felħu biex dan il-ftehim ma jisfaxxax.

Fit-3 ta' Ottubru 1912, l-Arċisqof ippropona li jikkonċedi t-titlu ta' viċi-parroċċa lil Santa Venera hekk kif il-patrijiet jieħdu f'idejhom it-tmexxija tal-kunvent u tal-knisja. Fit-8 ta' Novembru 1912, l-Arċisqof ikkonferma li kien intlaħaq ftehim li bih Santa Venera setgħet titwaqqaf bħala viċi-parroċċa ta' Birkirkara, bil-limiti tagħha meħuda mill-istess parroċċa ta' Birkirkara, minn Ħal Qormi, mill-Imsida, u mill-Ħamrun. Għalhekk, xi patrijiet marru jgħixu fil-kunvent biswit il-Knisja u bdew il-ħidma tagħhom fost il-Vendriżi. Nhar il-11 ta' Marzu 1913, l-Arċisqof Pietru Pace ħareġ id-digriet li bih waqqaf il-viċi-parroċċa ta' Santa Venera. **Kien għalhekk li nhar it-23 ta' Mejju 1913, l-Ordni Karmelitan ħa l-pussess tal-knisja u tal-kunvent ta' Santa Venera**. Din kienet ġrajja li l-poplu ta' Santa Venera kien feraħ biha tant li kienet inġiebet banda biex tilqa' lill-patrijiet fil-ġurnata tal-pussess. Il-Vendriżi kienu ilhom bosta snin jitolbu lill-awtoritajiet tal-Knisja biex iwaqqfu l-parroċċa tagħhom, fejn saħansitra kien hemm żewġ okkażjonijiet fejn il-Vendriżi kitbu lill-Papa biex jinterċedi għalihom hu mal-Isqof u tintlaqa' t-talba tagħhom.



Il-Komunità Karmelitana ta' Santa Venera mat-tfajliet tal-Leġjun ta' Marija bejn is-snin ħamsin u sittin



Il-ftuħ tal-Kripta tal-Knisja Parrokkjali l-ġdida fid-19 ta' Marzu 1969

Il-ħidma tal-Karmelitani fost il-Vendriżi ma damitx ma ħalliet il-frott tagħha u l-poplu kien moqdi sew. Issa kien imiss l-ikbar pass, dak li Santa Venera titwaqqaf f'parroċċa indipendenti. Il-pressjoni tal-patrijiet Karmelitani ma waqfet xejn biex din il-wegħda tinżamm. Dun Xand Cortis ħadem kemm felaħ biex dan iseħħ, iżda ma kellux ix-xorti jara l-parroċċa ta' Santa Venera titwaqqaf peress li miet fis-sena 1916. Is-suċċessur tal-Isqof Pace kien l-Arċisqof Mauro Caruana li min-naħa tiegħu ma damx ma kkuntenta lill-Vendriżi u lill-Patrijiet Karmelitani. Nhar l-4 ta' Settembru 1918 waqqaf il-parroċċa ta' Santa Venera Verġni u Martri bil-limiti indipendenti tagħha. Din kienet ġurnata li fiha r-raħal tagħna nħall minn kull irbit ma' rħula oħra biex b'hekk bdiet tinbena storja ġdida għal-lokalità u għall-parroċċa ta' Santa Venera.



Quddiesa fil-Kripta tal-Knisja Parrokkjali l-ġdida fis-snin sebgħin